



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2010/2301(INI)

8.12.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-UE u ċ-Ċina: Kummerċ Żbilanċjat?
(2010/2301(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jan Zahradil

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi ċ-Ċina saret ekonomija emerġenti li ilha tirreġistra rati ta' tkabbir b'żewġ ċifri mill-1999 u llum, minn Frar 2011, hija t-tieni l-ikbar ekonomija tad-dinja; billi fl-istess ħin, u b'mod partikolari fil-provinċji interni tagħha, għadha qed tiffaċċja l-isfidi li normalment jiltaqgħu magħhom kull pajjiż li għadu qed jiżviluppa;
- B. billi kien hemm allokkazzjoni indikattiva ta' EUR 224 miljun f'għajjnuna għall-iżvilupp tal-UE liċ-Ċina għall-perjodu 2007-2013; billi f'Marzu 2011, il-Kummissjoni ħabbret it-tieni Proġett tal-Kummerċ bejn l-UE u ċ-Ċina fuq perjodu ta' ħames snin, li jalloka EUR 20 miljun f'għajjnuna tal-UE relatata mal-kummerċ mogħtija liċ-Ċina;
- C. billi t-tkabbir ekonomiku fiċ-Ċina neħħa nofs biljun ruħ mill-faqar mill-1990; billi, madankollu, proporzjon kbir tal-ħaddiema migranti fil-bliet kif ukoll tal-popolazzjoni rurali għadhom qed jgħixu fil-faqar, u billi, skont il-Bank Dinji, 207 miljun persuna Ċiniża xorta għadhom jgħixu taħt il-linja tal-faqar;
- D. billi l-qawmien taċ-Ċina bħala attur tal-iżvilupp fl-Afrika huwa wieħed mill-fatturi l-aktar impressjonanti fl-aħħar għaxar snin;
- E. billi r-relazzjonijiet taċ-Ċina mal-pajjiżi Afrikani ssawru, pereżempju, mill-ħtieġa li jinkisbu riżorsi tal-enerġija li jappoġġjaw l-iżvilupp ekonomiku tagħha;
- F. billi hemm differenzi importanti bejn l-OECD-DAC u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp taċ-Ċina; billi l-programm tas-self konċessjonali taċ-Ċina, mogħti permezz tal-Bank ta' Esportazzjoni u Importazzjoni taċ-Ċina, huwa komponent kruċjali tar-relazzjonijiet barranin taċ-Ċina, u billi s-self konċessjonali jitqies bħala għajjnuna marbuta;
- G. billi ż-Żoni Ekonomiċi Speċjali taċ-Ċina (Special Economic Zones - SEZs) fl-Afrika għandhom l-għan li joħlqu ambjent ta' appoġġ għall-kumpaniji Ċiniżi żgħar u ta' daqs medju biex dawn joperaw barra minn pajjiżhom; billi skont il-Grupp tal-Bank Afrikan għall-Iżvilupp, is-SEZ imħaddma miċ-Ċina fl-Afrika Sub-Saħarjana s'issa kellhom riżultati limitati f'termini ta' investiment, filwaqt li l-impatt tagħhom fuq il-ohlqien tax-xogħol u l-integrazzjoni tagħhom mal-ekonomija lokali kienu limitati;
- H. billi l-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina huwa uniku billi jinkludi għadd ta' impenji speċjali applikabbli għaċ-Ċina biss, li jieħdu l-forma ta' "impenji tad-WTO plus" (bħal fil-każ tat-taxxi fuq l-esportazzjoni) u anke ta' "drittijiet tad-WTO minus", li jippermettu lill-membri tad-WTO jieħdu miżuri ta' protezzjoni kontra l-esportazzjonijiet taċ-Ċina li ma jikkonformawx mar-regoli ġenerali tad-WTO;
- I. billi ċ-Ċina għandha bżonn aċċess għal teknoloġija avvanzata u netwerks ta' distribuzzjoni għall-fażi li jmiss tal-iżvilupp ekonomiku tagħha, li se tissejjes fuq l-innovazzjoni, il-kummerċ nazzjonali u l-konsum intern;

- J. billi t-tkabbir ekonomiku rapidu taç-Ċina seħħ parzjalment għad-dannu tad-drittijiet tal-bniedem, u nbena parzjalment permezz tax-xogħol furzat u t-tħaddim tat-tfal;
- K. billi è-Ċina mhijiex membru tal-OECD, mhijiex obbligata tikkonforma mar-regoli tal-OECD li: jillimitaw l-għajnuna marbuta; jirregolaw il-prattiki tal-kreditu u jimponu termini massimi ta' ħlas lura, klassifika tar-riskju tal-pajjiż u rati minimi tal-imgħax; jirrikjedu li jsir skambju ta' informazzjoni; u jimponu standards soċjali, ambjentali u ta' governanza fuq l-attivitajiet ta' finanzjament;
- L. billi è-Ċina hija t-tieni l-akbar sieħba kummerċjali tal-Unjoni Ewropea;
- M. billi f'dawn l-aħħar deċenji è-Ċina għamlet progress soċjali importanti; billi titjib bħal dan fil-kwalità tal-ħajja għal popolazzjoni tant kbira f'perjodu ta' żmien qasir bħal dan huwa uniku fl-istorja, u naqqas il-faqar għal aktar minn 350 miljun persuna;
- N. billi l-attivitajiet ta' finanzjament tal-esportazzjoni taç-Ċina ppermettew liè-Ċina żżid il-preżenza tagħha f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment fl-Afrika;
- O. billi l-UE ilha mill-1997 b'defiċit strutturali maç-Ċina fil-kummerċ ta' prodotti, u dan jirrikjedi li l-UE tistabbilixxi qafas strateġiku ġdid għall-kooperazzjoni maç-Ċina,
- P. billi r-relazzjonijiet ekonomiċi aktar mill-qrib maç-Ċina jistgħu jkunu ta' benefiċċju kbir għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment f'termini ta' żvilupp tal-infrastruttura;
- Q. billi, madankollu, l-attivitajiet taç-Ċina fil-finanzjament tal-kreditu għall-esportazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jkunu ta' theddida għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, f'termini ta' ġestjoni tar-riżorsi naturali, is-sostenibilità tad-dejn, it-titjib tal-governanza u l-impjiegi u l-produttività lokali;
- R. billi l-parteċipazzjoni taç-Ċina f'sistema kummerċjali internazzjonali bbażata fuq it-trasparenza hija vitali sabiex jiġu żgurati l-prosperità u s-sostenibilità internazzjonali;
1. Huwa konvint, iżda, li t-tkabbir qawwi tal-kummerċ bejn l-Istati Membri kollha tal-UE u è-Ċina jirrappreżenta strument ta' żvilupp kruċjali kemm għall-UE kif ukoll għaè-Ċina, billi l-kummerċ miftuħ huwa wieħed mill-aktar muturi effikaċi tat-tkabbir ekonomiku, tal-ġlieda kontra l-faqar u tal-ħolqien tal-ġid; huwa tal-fehma li n-natura unika tal-impenn taç-Ċina għad-WTO, li tipprevjeni liè-Ċina milli titlob "Trattament Speċjali u Differenzjali" bħal pajjiżi membri oħra li qed jiżviluppaw, tqajjem dubji dwar il-koerenza u l-konsistenza; għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni tevalwa l-koerenza u l-konsistenza tal-politika tal-kummerċ tagħha fir-rigward taç-Ċina fl-isfond tal-politika tal-iżvilupp tagħha fir-rigward tal-Afrika;
 2. Jisħaq fuq il-fatt li hemm potenzjal enormi fl-aċċess reċiproku għas-swieq, fil-liberalizzazzjoni u fl-appfondiment tal-kooperazzjoni fil-kummerċ u fl-investimenti bejn l-Ewropa u è-Ċina; jenfasizza madankollu bħala prekondizzjoni li l-kompetizzjoni ġusta, l-aċċess reċiproku u regolamenti ċari tas-suq, speċjalment għall-Investment Barrani Dirett (IBD) u għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Proprietà fil-livell Internazzjonali (IPR), għandhom jiġu garantiti;

3. Jinnota li l-Fond għall-Iżvilupp Ċina-Afrika (CADF) jappoġġja l-istabbiliment ta' Żoni Ċiniżi speċjali ta' Pproċessar Ekonomiku fl-Afrika; jaqbel mal-fehma tal-Grupp tal-Bank Afrikan għall-Iżvilupp, li skontu jeħtieġ li l-investimenti Ċiniżi jiġu integrati fil-katina tal-produzzjoni nazzjonali biex jiġi żgurat li dawn iż-żoni jippromwovu l-industrijalizzazzjoni b'mod effikaċi, u dan jimplika pereżempju: it-tisħiħ tal-arranġamenti legali u regolatorji, inkluż salvagwardji soċjali u ambjentali, kif ukoll it-titjib tal-aċċess tal-kumpaniji lokali u tal-ħaddiema għaż-żoni biex jiġu żgurati r-rabtiet mal-ekonomija lokali;
4. Huwa tal-fehma li l-kummerċ għandu jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem fil-livell globali u li s-sħab kummerċjali kollha tal-UE għandhom jikkonformaw mal-konvenzjonijiet tal-ILO, partikolarment il-konvenzjoni kontra x-xogħol furzat, u dan ifisser li l-prodotti mmanifatturati fil-ħabsijiet u fil-kampijiet tal-priġunieri (il-Lao Gai) m'għandhomx jiġu permessi fis-suq tal-UE;
5. Jitlob lill-UE ttejjeb l-effikaċja tagħha fir-rigward tal-kummerċ maċ-Ċina permezz ta' organizzazzjoni istituzzjonali mtejbja kif ukoll billi ssib pożizzjoni koerenti dwar iċ-Ċina fost l-Istati Membri;
6. Jinnota li t-tkabbir taċ-Ċina u l-kapaċità tagħha, li fi tletin sena minn pajjiż sottożvilupat issir pajjiż li jikkostitwixxi poter globali emerġenti, ikkontribwixxew biex jagħmlu liċ-Ċina sors alternattiv ta' kummerċ u finanzjament għas-sħab tradizzjonali tal-Afrika;
7. Huwa konxju li l-impatt taċ-Ċina fuq l-Afrika jvarja skont id-daqs, l-istrutturi ekonomiċi u l-kwalità ta' governanza u tal-istituzzjonijiet fl-ekonomiji Afrikani; huwa tal-fehma li l-impatt tal-kummerċ taċ-Ċina fuq il-pajjiżi Afrikani - jiġifieri safejn il-kummerċ maċ-Ċina jinkoraġġixxi aktar speċjalizzazzjoni fil-komoditajiet primarji, jew jista' jgħin lill-ekonomiji Afrikani jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom u jiffinanzjaw proġetti sostenibbli - jeħtieġ li jiġi evalwat aktar;
8. Jenfasizza li r-rwol il-ġdid taċ-Ċina bħala sors ewlieni ta' finanzjament fl-Afrika qajjem ħafna tħassib f'daqqa fl-UE; jenfasizza, b'mod partikolari, li filwaqt li l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji ta' għajnunat bilaterali tad-donaturi tradizzjonali għamli l-għajnuna tagħhom tiddependi fuq governanza tajba, dan mhux il-każ taċ-Ċina; għalhekk, jibża' li l-influenza taċ-Ċina tista' twassal għal dewmien fl-isforzi biex tittejjeb il-governanza u titnaqqas il-korruzzjoni fl-Afrika, partikolarment fil-pajjiżi sieħba tagħha li huma kkaratterizzati minn istituzzjonijiet dgħajfa, bħall-Angola, il-Kongo, in-Niġerja u s-Sudan;
9. Jenfasizza li l-impatt tal-investimenti fuq l-iżvilupp fis-settur tal-estrazzjoni għandu jissaħħaħ permezz ta' aktar trasparenza fil-proċess tal-akkwist u l-proċess tal-ikkuntrattar u permezz ta' involviment aktar attiv tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Afrikana fis-sorveljanza; f'dan il-kuntest, jitlob lill-UE tinkoraġġixxi liċ-Ċina biex tappoġġja l-prinċipji tal-Inizjattiva ta' Trasparenza fl-Industriji tal-Estrazzjoni;
10. Huwa tal-fehma li, sabiex il-kollaborazzjoni bejn iċ-Ċina u l-Afrika tkun ta' benefiċċju, jeħtieġ, fost oħrajn, li l-gvernijiet tal-Afrika jsaħħu l-istituzzjonijiet ta' governanza tagħhom; bl-istess mod, jinsisti fuq il-ħtieġa li jittejjeb il-livell tad-djalogu politiku bejn iċ-Ċina u l-Istati Membri tal-UE biex iħeġġu liċ-Ċina tagħti attenzjoni lill-implikazzjonijiet tal-għajnuna tagħha għall-governanza u l-ambjent, u biex jiġi żgurat li l-

għajjnuna taċ-Ċina tikkumplimenta, u mhux tikkompeti, mal-għajjnuna mid-donaturi tradizzjonali;

11. Jinnota li l-investimenti taċ-Ċina fl-Afrika, mogħtija prinċiparjament permezz tal-Bank ta' Esportazzjoni u Importazzjoni, iqajmu tħassib, pereżempju dwar is-sostenibilità tal-proġetti, bħal fil-każ tal-proġetti kontroversjali kbar ta' diġi tal-idroenerġija; bħala l-ewwel pass, jaqbel mal-fehma tal-Grupp tal-Bank Afrikan għall-Iżvilupp, li jixtieq li jkun hemm twessigħ tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Ekwatur - sett volontarju ta' standards biex jiġi ddeterminat, evalwat u ġestit ir-riskju soċjali u ambjentali fil-finanzjament tal-proġetti - għall-investimenti taċ-Ċina;
12. Jinnota bi tħassib li fl-Afrika maġġoranza tal-proġetti taċ-Ċina fuq skala kbira twettqu minn forza tax-xogħol li l-parti l-kbira minnha hija Ċiniża; iqis li din hija waħda mir-raġunijiet għalfejn il-forza tax-xogħol lokali tibqa' mhux imħarrġa u r-riperkussjonijiet għall-popolazzjoni f'termini ta' impjieġ huma minimi;
13. Huwa tal-fehma li l-pajjiżi Afrikani jeħtieġ iżidu l-valur miżjud tal-produzzjoni tagħhom, irrispettivament mill-pajjiżi sħab tagħhom; dan ifisser li jiġu żviluppanti għodod biex pereżempju tizzied id-domanda għal ħaddiema mingħajr kwalifiki fl-Afrika għall-proġetti ta' investment;
14. Huwa konxju mill-fatt li minkejja li t-tkabbir ekonomiku rapidu fiċ-Ċina ħoloq ħafna ġid, speċjalment għall-popolazzjoni urbana, amplifika d-diskrepanzi bejn iż-żoni urbani u dawk rurali, li fihom tgħix 50.3 % tal-popolazzjoni taċ-Ċina kontinentali, u b'hekk ikkontribwixxa għal proċess ta' urbanizzazzjoni u ta' eżodu miż-żoni rurali, li ħoloq sitwazzjoni fejn fl-2011, għall-ewwel darba fl-istorja taċ-Ċina, aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-pajjiż qed tgħix fil-bliet;
15. Jirimarka li l-għajjnuna taċ-Ċina hija differenti f'numru ta' modi minn dik applikata mill-pajjiżi tal-OECD; b'mod partikolari, ifakkar li filwaqt li l-membri tal-OECD huma impenjati li, permezz tal-Arranġament dwar il-Kredit tal-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġjati tal-OECD, jikkonformaw ma' sett maqbul ta' standards ambjentali, soċjali u ta' governanza fl-attivitajiet tagħhom ta' finanzjament tal-esportazzjoni, iċ-Ċina mhijiex impenjata li tikkonforma ma' dawn ir-regoli;
16. Ifakkar ukoll li, filwaqt li l-membri tal-OECD qablu mar-Rakkomandazzjonijiet tal-OECD dwar il-Korruzzjoni u l-Kredit tal-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġjati, li għandhom l-għan li jipprevjenu u jissanzjonaw il-korruzzjoni tal-uffiċjali pubbliċi barranin fit-transazzjonijiet tan-negozju internazzjonali appoġġjati bi krediti uffiċjali tal-esportazzjoni, dawn il-miżuri ma ġewx adottati miċ-Ċina; fir-rigward ta' dan, jemmen li huwa importanti ħafna li l-UE tinvolvi ruħha f'aktar diskussjonijiet maċ-Ċina biex jiġu żviluppanti u implimentati standards komuni mal-OECD dwar l-għajjnuna għall-iżvilupp, inkluż il-ħelsien mid-dejn;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tibqa' tappoġġja liċ-Ċina fl-implimentazzjoni b'suċċess tal-għanijiet strateġiċi tagħha ta' żvilupp, iżda fl-istess ħin gradwalment titbiegħed mill-kooperazzjoni u mill-għajjnuna għall-iżvilupp tradizzjonali permezz ta' tnaqqis gradwali tal-ODA (għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp) mill-2013, favur relazzjoni aktar ibbilanċjata u orjentata lejn il-kummerċ maċ-Ċina fl-interessi taż-żewġ naħat; jenfasizza, f'dan ir-

rigward, li l-approċċ il-ġdid għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li ċ-Ċina nnifisha saret donatur importanti partikolarment fl-Afrika, u li għalhekk, l-aġenda tal-iżvilupp tagħha mal-UE minflok għandha tiffoka fuq oqsma konkreti ta' interess komuni; jenfasizza li r-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE maċ-Ċina għandhom ikunu kkumplementati kontinwament bl-isforzi u t-talbiet għall-iżvilupp demokratiku;

18. Jistieden lill-Kummissjoni b' mod partikolari tappoġġja liċ-Ċina biex din iżżid il-produttività tal-produzzjoni agrikola tagħha;
19. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel dan fi djalogu mal-awtoritajiet Ċinzi sabiex jiġi żgurati li n-nies żvantaġġati u foqra, li attwalment qed jibbenefikaw mill-proġetti għall-iżvilupp tal-UE, ma jitħallewx jaqgħu lura;
20. Jitlob lill-Kummissjoni biex gradwalment twaqqaf l-għajnuna għall-iżvilupp liċ-Ċina, li tammonta għal EUR 128 miljun għall-perjodu 2007-2010, billi ċ-Ċina hija ekonomija tas-suq emerġenti u attur ekonomiku u politiku ewlieni fil-livell dinji;
21. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fid-djalogu maċ-Ċina, issemmi wkoll il-problema tax-xiri miċ-Ċina ta' artijiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;
22. Jirrimarka li ċ-Ċina qed titfaċċa bħala donatur ewlieni tal-għajnuna fiha nnifisha, minkejja li madwar 16 % tal-1.3 biljun persuna tagħha għadhom qed jgħixu taħt il-linja tal-faqar;
23. Jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tittratta liċ-Ċina bħala sieħba, filwaqt li tirrispetta t-tradizzjonijiet kulturali tagħha, u jkollha l-istess aspettattivi leġittimi fir-rigward taċ-Ċina bħal dawk li jeżistu fir-rigward tas-sħab kummerċjali l-oħrajn tal-UE b'rabta mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tappoġġja t-tranżizzjoni taċ-Ċina lejn soċjetà miftuħa bbażata fuq l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u filwaqt li tinsisti fuq ir-rispett tal-istandards bażiċi tax-xogħol tal-ILO; iqis li t-tali approċċ se jgħin biex jingħelbu t-tensjonijiet attwali, jiġu intensifikati skambji ulterjuri u jiżdied l-investment reċiproku li jwassal liż-żewġt iħab għal sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd;
24. Jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex taħdem maċ-Ċina bħala sieħba fl-iżvilupp internazzjonali, biex tiskambja l-aħjar Prattika u tisfrutta l-vantaġġi komparattivi u l-punti tajbin differenzjali tas-sħab kollha fl-iżvilupp internazzjonali u b'hekk tipprovdi l-aqwa firxa ta' appoġġ u l-aktar waħda wiesgħa għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;
25. Jenfasizza li, billi ċ-Ċina issa hija t-tieni l-akbar ekonomija fid-dinja, il-kwistjoni tal-aċċess għas-suq bejn l-Ewropa u ċ-Ċina għandha tkun ibbażata, fi kwalunkwe każ, fuq il-prinċipju tar-reċiproċità; jitlob biex in-negozjati tad-DOHA jiġu konklużi malajr kemm jista' jkun; jenfasizza li ċ-Ċina għandha tissodisfa, b' mod urġenti, l-istandards internazzjonali tal-ambjent u l-obbligi tagħha tad-WTO, partikolarment il-konformità mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali; iwissi kontra l-użu ta' miżuri protezzjonisti, b' mod partikolari meta titqies il-klima ekonomika attwali, billi din, fit-tul, tkun ta' dannu mhux biss għar-relazzjonijiet politiċi bilaterali, iżda wkoll għall-ekonomiji tal-UE u taċ-Ċina u tmur kontra l-obbjettivi ta' żvilupp tal-UE kif definiti fl-istrateġija UE 2020;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tmexxi taħditiet mas-sħab Ċinzi dwar is-sura li jistgħu jieħdu kuntratti u konċessjonijiet għall-importazzjoni ta' materja prima li toriġina minn pajjiżi li

qed jiżviluppaw, liema kuntratti u konċessjonijiet ikunu ġusti u trasparenti u jmessu 'l quddiem l-iżvilupp; jinsab imħasseb dwar il-kompetizzjoni dejjem tikber b'rabta mal-materja prima bejn l-UE u ċ-Ċina, li hija ta' detriment għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw il-mezzi diplomatiċi disponibbli kollha u għodod oħra biex jinkoraġġixxu liċ-Ċina timpenja ruħha fir-rigward tal-istandards internazzjonali ta' trasparenza rigward l-attivitajiet ta' finanzjament tal-kreditu għall-esportazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u miżuri oħra relatati mal-kummerċ kemm fiċ-Ċina kif ukoll barra minnha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jaħdmu biex jinvolvu liċ-Ċina fin-normi internazzjonali u f'organizzazzjonijiet li jistabbilixxu l-istandards b'rabta mas-sistema kummerċjali internazzjonali;
28. Jitlob lill-UE u lill-Istati Uniti biex jinvolvu ruħhom fil-livelli kollha ma' dan il-ġgant ekonomiku emerġenti għall-benefiċċju reċiproku tal-partijiet kollha;
29. Iqis li jeħtieġ li l-politika u l-atturi tal-UE għall-iżvilupp jaħdmu biex jibnu l-kapaċità tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jinnegozjaw ftehimiet sodi maċ-Ċina - partikolarment meta dawn il-ftehimiet jirrigwardaw ir-riżorsi naturali - biex jiġġestixxu d-dejn u jiffaċċjaw theddid li jista' jkun hemm għall-produttività lokali u għas-swieq tax-xogħol ikkawżat mill-influssi ta' hađdiema u prodotti Ċiniżi;
30. Jitlob liċ-Ċina biex tinvolvi ruħha aktar fl-istituzzjonijiet globali, filwaqt li jirrikonoxxi li ċ-Ċina diġà għandha rwol sħiħ u attiv fin-NU u fil-missjonijiet taż-żamma tal-paċi;
31. Iqis li jekk l-impenn taċ-Ċina fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jitqies bħala kompetizzjoni inġusta u jekk isir tentattiv biex jinstab rispons konfliġġenti, dan ma jikkostitwixxix soluzzjoni produttiva, fuq kollox għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jenfasizza li fl-aħjar interess tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll tal-kompetizzjoni u t-tkabbir globali aktar wiesgħa, l-impriżi u l-atturi tal-UE li jixtiequ jikkompetu maċ-Ċina fir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jistinkaw biex jagħmlu offerti li huma l-aktar attraenti f'termini ta' sostenibilità u benefiċċju fit-tul, li jinkludu aspetti ambjentali, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u ta' governanza;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.12.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Véronique De Keyser, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Catherine Grèze, Eva Joly, Filip Kaczmarek, Miguel Angel Martínez Martínez, Norbert Neuser, Maurice Ponga, Michèle Striffler, Alf Svensson, Anna Záborská, Iva Zanicchi, Gabriele Zimmer
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Fiona Hall, Eduard Kukan, Krzysztof Lisek, Judith Sargentini
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vittorio Prodi